MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1224/2005/1

**Melita Marine Limited, Melita Marine Distribution Limited**
**u M.Y.P. Limited**

**v.**

**S & D Yachts Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li s-socjetajiet atturi pprezentaw fit-23 ta' Dicembru, 2005, li taqra hekk:
"Premess illi l-partijiet kollha f'din il-kawza joperaw fil-kamp tal-kummerc marittimu;

“Premess illi b’effett mill-24 ta’ April 2003, is-socjeta` konvenuta ottjeniet f’Malta r-registrazzjoni f’isimha ta’ disinn bin-numru 1310, u dan dwar disinn ta’ struttura jew gverta termoplastika ghal vetturi tal-bahar;

“Premess illi s-socjetajiet attrici, li ilhom joperaw bi strutturi u gverti termoplastici ghal vetturi tal-bahar tal-istess tip sa minn qabel ma giet intavolata l-applikazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghar-registrazzjoni tal-imsemmi disinn, ghamlu ndagni shiha u kompluta tad-disinn in kwistjoni u effettivament jirrizulta li ma fih xejn gdid u ta’ xorta individwali;

“Premess illi ghaldaqstant, id-disinn bin-numru ta’ registrazzjoni 1310, ma huwiex konformi mal-artikolu 66 mal-artikolu 67 tal-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni (Kapitlu 417 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta);

“Premess illi s-socjetajiet attrici ghandhom interess li jottjenu l-invalidazzjoni tad-disinn numru ta’ registrazzjoni 1310 sabiex iwaqqfu lis-socjeta` konvenuta milli tevoka jeddijiet li fil-fatt m’ghandhiex, liema jeddijiet ma jappartjenu lil hadd partikolari peress li strutturi u gverti termoplastici tat-tip kontemplat fid-disinn mertu ta din il-vertenza ilhom jigu wzati minn diversi persuni f’dan il-kamp tal-kummerc sa minn qabel ma giet intavolata l-applikazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghar-registrazzjoni tal-imsemmi disinn;

“Premess illi fil-5 ta’ Dicembru 2003 is-socjeta` konvenuta kienet ivvantat diversi jeddijiet allegatament koperti bir-registrazzjoni tad-disinn mertu ta’ din il-vertenza, u sussegwentement giet interpellata mis-socjetajiet attrici fis-6 ta’ Frar 2004 sabiex inter alia iccedi l-istess disinn, izda baqghet inadempjenti;

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“(1) tiddikjara r-registrazzjoni tad-disinn numru 1310 bhala nvalida ai termini tal-artiklu 98(1)(b) tal-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni (Kapitlu 417 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta).

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-6 ta’ Frar 2004, kontra s-socjeta` konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Fl-ewwel lok l-imsemmi Pierre Balzan, indikat fl-att tac-citazzjoni bhala li qieghed jagixxi f’isem u in rapprezentanza ta’ <u>wahda</u> mit-tlett socjetajiet attrici, jrid igib il-prova tal-mandat tieghu;

“2. Fil-mertu, u dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq sollevati, il-premessi kollha attrici jinsabu msejsa fuq asserzjonijiet gratuiti u fatti bla bazi ta’ xejn. Illi, bil-maqlub ta’ dak premess mill-atturi, ir-registrazzjoni tad-disinn tal-konvenut inharget validament u konfermement ma’ kif hemm stipulat fil-Kap. 417, tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta` attrici, ir-registrazzjoni tad-disinn tas-socjeta` konvenuta hu ai termini ta’ dak rikjest mill-artikoli citati mis-socjeta` attrici stess, cioe` tal-artikoli 66 u 67 tal-Kap. 417, tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan hu ghaliex id-disinn ta’ kull komponent formanti parti mill-gverta ter,p[;astola ‘UNDERCOVER’ hu uniku kemm fil-mod li hu disinjat u l-mod kif inhu attwat fil-prattika. Id-disinn partikolari tal-komponenti individwali tal-gverta termoplastika ‘UNDERCOVER’ gew redatti mis-socjeta` konvenuta wara snin ta’ esperjenza f’dan il-kamp marittimu;

“4. Illi hija l-ligi stess illi tipprotegi l-jeddijiet ivvantati mis-socjeta` konvenuta, ghaliex is-socjeta` konvenuta qeghdha taghmel uzu minn komponenti partikolari disinnjati minnha stess u fil-kumpless taghhom qeghdin jinghataw xorta distintiva. Dan id-dritt ezercitat mis-socjeta` konvenuta hu kkawtelat mil-ligi fl-Artikolu 65(3)(b)

"*kemm-il darba dawk il-fattizzi li jidhru tal-parti komponenti jkunu fihom infushom iwettqu l-htigijiet li jirrigwardjaw affarijiet godda u ta' xorta individwali*";

"5. Illi ghaldaqstant id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 98(1)(b) tla-Kap. 417, tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandhom ebda applikazzjoni fil-konfront tas-socjeta` konvenuta;

"6. Isegwi ghalhekk li t-talbiet attr4ici ghandhom, jigu michuda kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt bl-ispejjez kontra l-imsemmija socjetajiet attrici."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 2009, li in forza taghha qatghet il-kawza billi:
"wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tilqa' t-talba tal-atturi u tiddikjara invalida, għal dak li igħid u jrid l-art. 98(1)(*b*) tal-Kap. 417, ir-reġistrazzjoni favur is-soċjetà konvenuta tad-disinn numru 1310.

"Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti relevanti huma dawn:

"F'ċirkostanzi fejn ikun meħtieġ ambjent kontrollat (*e.g.* ta' temperatura, umdità jew indafa minn trabijiet) fuq biċċa tal-baħar minn barra, ikun meħtieġ illi din titgħatta b'mod li bniedem xorta jkun jista' jidħol fuq il-parti mgħottija. F'ċirkostanzi bħal dawn, sa minn qabel ma l-konvenuta irreġistrat id-disinn tas-sistema tagħha, kienu jsiru tined, kemm mill-atturi u kemm minn terzi, li essenzjalment ikunu *canvas* jew *plastic sheets* fuq qafas li jintrama' fuq il-gverta (*deck*).

"Is-sistema tal-konvenuta wkoll huwa sistema ta' *plastic sheeting* armat fuq qafas, b'mod li l-*plastic sheeting* jissaħħan biex jinxtorob u hekk jissikka fuq il-qafas. Il-konvenuta tgħid illi dak li hemm oriġinali fis-sistema tagħha huwa l-qafas, mhux il-kisi, u dan il-qafas huwa differenti mis-sistemi li kienu jintużaw qabel għax huwa

aktar flessibbli u għalhekk ikun jista' jċedi u jerġa' jieħu l-forma flok jinkiser meta jinħakem mir-riħ. Din il-flessibilità tinkiseb mill-komponenti li bihom tinqeda l-konvenuta fis-sistema tagħha. Dawn il-komponenti huma: xewka li torbot bi *clamps* minn tarf sa ieħor tal-biċċa tal-baħar u tgħaddi b'kurva minn fuq il-linja tan-nofs tal-wiċċ; qafas bħal kustilji li fit-truf tagħhom jorbtu bi *clamps* minn ġenb għal ieħor tal-bastiment, u hekk igħaddu fuq ix-xewka tan-nofs u perpendikolari magħha – minn dawn ikun hemm aktar minn waħda, skond it-tul tal-bastiment, imbiegħda minn xulxin bejn ħamsa u sebgħin ċentimetru u metru (75cm-1m); paralleli max-xewka ewlenija u fuq kull naħa tagħha jkun hemm xwiek oħrajn li wkoll jorbtu mal-kustilji; u *cable ties* li jorbtu l-kustilji max-xwiek fejn dawn jiltaqgħu f'forma ta' salib. Dik li sejjaħnielha x-xewka hija magħmula minn *wire rope* miksi kull tant tul b'materjal imsejjaħ *teflon bush* jew *sleeve* u kollox imlibbes b'*aliminium sheet* imdawwar f'forma ta' tubu fuq barra biex hekk ikollok qiesu *pipe* tal-aluminju b'*wire rope* ġewwa. Hija din ix-xewka – li kienet disinjata mill-konvenuta – li tagħti lill-istruttura l-flessibilità biex ma titkissirx bil-qilla tar-riħ.

“Essenzjalment, li għandu differenti s-sistema tal-konvenuta minn sistemi oħra huwa l-użu tas-sinsla tan-nofs u l-irbit b'*cable ties*.

“Il-kunċett kollu huwa mffisser aħjar u bi kliem aktar tekniku fl-*affidavit* ta' Mark Darmanin Kissaun (*foll.* 127 *et seqq*.) u fuq id-dokument li qiegħed minn *fol*. 12 sa *fol.* 23 u minn *fol.* 237 sa *fol.* 245.

“Għandu jingħad illi, billi d-differenza bejn is-sistema tal-konvenuta u dak ta' oħrajn huwa fil-qafas aktar milli fil-kisi, jekk tara biss il-kisi, minn barra, ma tidhirx wisq differenza, ħlief fejn il-forma tal-kisi turik illi ma hemmx xewka fin-nofs[1].

“Dan kollu huwa biżżejjed biex is-sistema tal-konvenuta ikun imħares bħala disinn reġistrat taħt il-liġi?

[1] Ara *e.g.* dok. T, *fol*. 97.

“Fil-kap. 417 il-kunċett ta’ “disinn” huwa mfisser hekk:

““disinn”' tfisser il-parenza ta’ prodott sħiħ jew ta’ xi parti minnu skond ma jirriżulta mill-fattizzi tal-prodott innifsu, partikolarment, il-linji, kontorni, kuluri, forma, nisġa u, jew materjal tal-prodott innifsu u, jew ta’ l-ornamentazzjoni tiegħu.

“Relevanti wkoll huma d-dispożizzjonijiet tal-artt. 65(3), 66, 67 u 69 li jgħidu hekk:

“**65.** (3) Disinn applikat ma’ jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti bi prodott kompless għandu biss jitqies bħala wieħed ġdid u li għandu xorta individwali:

“(*a*) kemm-il darba l-parti komponenti, ġaladarba din tkun ġiet inkorporata fil-prodott kompless, tibqa’ tidher matul l-użu normali tal-prodott kompless, u

“(*b*) kemm-il darba dawk il-fattizzi li jidhru tal-parti komponenti jkunu fihom infushom iwettqu l-ħtiġiet li jirrigwardaw affarijiet ġodda u ta’ xorta individwali.

“**66.** Għandu disinn jitqies bħala wieħed ġdid jekk ma jkun hemm ebda disinn identiku disponibbli għall-pubbliku qabel id-data meta ssir il-preżentata ta’ l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni … … …:

“Iżda dawk id-disinni li jkollhom fattizzi li jiddifferixxu biss f’dettalji mhux materjali għandhom ukoll jitqiesu bħala identiċi.

“**67.** (1) Disinn jitqies li jkollu xorta individwali jekk l-impressjoni totali li jagħti lil utent informat tkun tiddifferixxi mill-impressjoni totali li tali utent jieħu minn disinn li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku qabel id-data meta ssir il-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni … … …

“(2) Meta tkun qed tiġi stmata x-xorta individwali, għandu jitqies kemm kellu libertà d-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn.

"**69.** (1) Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti fil-fattizzi ta' apparenza ta' prodott li jkunu biss iddettati mill-funzjoni teknika tiegħu.

"(2) Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti fil-fattizzi ta' apparenza ta' prodott li jkollu tabilfors jiġi riprodott fil-forma eżatta u dimensjonijiet tagħhom sabiex il-prodott li d-disinn ikun inkorporat fih jew li jkun applikat dwaru jkun jista' jiġi mekkanikament konness ma' jew imqiegħed fi, madwar jew f'kuntrast ma' xi prodott ieħor biex xi prodott il-wieħed jew l-ieħor ikun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu.
"(3) Minkejja s-subartikolu (2), dritt f'disinn reġistrat għandu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 66 u 67, jissussisti f'disinn li jkollu l-għan li jħalli jsir l-immuntar ta' diversi biċċiet jew il-konnessjoni ta' prodotti li jinbidlu reċiprokament ma' xulxin f'sistema modulari.

"Dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi juru illi l-kunċett ta' disinn jolqot id-dehra aktar milli l-funzjoni tal-ħaġa.

"Il-jedd vantat mill-konvenuta huwa mfisser hekk fit-talba tagħha għar-reġistrazzjoni:

"The Concept of undercover is to enable yacht repairs to be carried out in an enclosed controlled environment. Due to the different shapes of yachts having protruding superstructures, masts, aerials, *etc.* and the large size of yachts being serviced, it is unfeasible to build a large enough shed to accommodate these craft. This makes undercover a flexible solution for any shape, size and type of craft being serviced, allowing for certain works such as painting, teak deck laying and other jobs whose performance would otherwise be hindered by adverse weather and environmental conditions.

"The Structure

"The undercover structure consists of 2 main components,

1) "The frame

2) “The thermoplastic cover[2].

“Jidher ċar, fil-fehma tal-qorti, illi l-pretensjoni tal-konvenuta tolqot sistema u kunċett ferm usa’ minn dawk il-partijiet minnu – ix-xewka ċentrali u l-komponenti l-oħra – li dwarhom għandha pretensjonijiet ta’ oriġinalità, għax il-kunċett kif imfisser fit-talba għar-reġistrazzjoni jolqot is-sistema kollu u ma huwiex limitat għal komponenti partikolari. Is-sistema fih innifsu – dak ta’ kisi b’materjal termoplastiku fuq qafas – ma fih xejn ġdid jew innovattiv, u dwar dan il-konvenuta stess taqbel u, waqt is-smigħ tal-kawża stqarret illi – kontra dak li tgħid it-talba għar-reġistrazzjoni – ma għandha ebda pretensjoni fuq il-kunċett *ut sic*.

“Dan biss, fil-fehma tal-qorti, huwa biżżejjed biex tgħid illi r-reġistrazzjoni ma tiswiex għax maħsuba biex tagħti protezzjoni usa’ minn dik li l-konvenuta fis-sewwa għandha jedd għaliha minħabba fl-oriġinalità tal-kunċett tagħha. Għalhekk, ma jibqax meħtieġ li naraw ukoll jekk il-komponenti li l-konvenuta tgħid illi huma oriġinali għandhomx ukoll il-kwalitajiet meħtieġa għall-ħarsien bis-saħħa ta’ reġistrazzjoni bħala disinn.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghogobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 2009 fl-ismijiet premessi, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tichad it-talba tas-socjetajiet attrici appellati fis-sens illi tiddikjara valida r-registrazzjoni tad-disinn numru 1310 tas-sena 2003.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet attrici appellati.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, stqarru li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata, bl-

2 Dok. F, *fol*. 11.

ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza fejn is-socjetajiet atturi qed jattakkaw ir-registrazzjoni ta’ disinn dwar gverta termoplastika ghal bcejjec tal-bahar a favur is-socjeta` konvenuta. Qed jallegaw li din ir-registrazzjoni ghandha tithassar peress illi ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikoli 66 u 67 tal-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni (Kap. 417 tal-Ligijiet ta’ Malta). L-artikoli invokati huma riprodotti fis-sentenza tal-ewwel Qorti. Dik il-Qorti sabet favur l-atturi wara li kkonsidrat illi d-disinn mhux kollu jista’ jitqies ta’ xorta individwali.

Dan gara ghax fil-waqt li s-socjeta` konvenuta tistqarr li harget b’ideja gdida kif timmonta tinda fuq yacht li fuqha jkunu se jsiru xoghlijiet ta’ riparazzjoni jew manutenzjoni, jidher li applikat ghad-disinn li jkopri mhux biss il-*mechanics* tal-montatura, izda wkoll tat-tinda innifisha. Jirrizulta li t-tinda hija *in common use*, u ma kien hemm xejn innovattiv fiha, u, ghalhekk, l-ewwel Qorti, osservat li r-registrazzjoni tkopri partijiet li ma kienux registrabbli, u meqjus id-disinn bhala unita`, iddecidiet li tordna it-thassir tar-registrazzjoni taghha.

Is-socjeta` konvenuta appellat u ressqet diversi aggravji li jistghu jigu sintetizzati fi tlieta: (i) li l-ewwel Qorti ddecidiet *extra petita*, (ii) li d-dehra tad-disinn kien jidher minn taht it-tinda, u mhux minn barra, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tqis din ic-cirkostanza, u (iii) li l-istess l-ewwel Qorti ma qiesitx jekk id-disinn ta’ muntagg kienx hu nnifsu innovattiv. Is-socjeta` konvenuta fil-fatt ressqet hames aggravji, pero`, jistghu jingemghu taht it-tlieta aktar qabel elenkati.

Trattati dawn l-aggravji, is-socjeta` konvenuta targumenta li l-ewwel Qorti ddecidiet *extra petita* peress li, skont hi, l-azzjoni attrici kienet ibbazata fuq il-fatt illi d-disinn kif prospettat mis-socjeta` konvenuta ma kienx wiehed originali, u ma kellhiex tidhol biex tezamina jekk id-disinn ghandux jitqies null ghax mahsub biex jaghti protezzjoni usa minn dik li s-socjeta` konvenuta ghandha jedd ghaliha.

Fil-verita`, it-talba attrici hija bazata fuq l-Artikolu 98(1)(b) tal-imsemmi Kap. 417 li jawtorizza t-thassir ta' registrazzjoni ta' disinn jekk dan ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikoli 65 sa 70 tal-Att, u meta l-ewwel Qorti qalet li d-disinn, kollu kemm hu, mhux originali, kienet qed tiddeciedi fil-limiti tat-talba attrici u fit-termini tal-ligi. Is-socjetajiet attrici qed jattakkaw l-originalita` tad-disinn, u darba li rrizulta li d-disinn fih elementi li ma kienu xejn originali, l-ewwel Qorti setghet tiddeciedi kif iddecidiet li tilqa' t-talbiet attrici u thassar ir-registrazzjoni relattiva.

Fil-fatt, fil-kaz jirrizulta li s-socjeta` konvenuta talbet u ottjeniet registrazzjoni ghal disinn konsistenti fi *frame* u *thermoplastic cover*, meta, kif ammettiet hi stess, il-*cover* jew tinda kienet f'uzu komuni. Is-socjeta` konvenuta ivvantat jeddijiet fuq tinda bhala parti minn disinn ta' *frame* u tinda, izda rrizulta li ma kien hemm xejn gdid fit-tinda, u l-originalita`, jekk kien hemm, kienet tezisti biss f'certi partijiet mill-*frame*. Meqjus id-disinn *quod unum* la darba rrizulta li partijiet mid-disinn registrat ma kienux originali, hu car li mhux biss ma hemmx ghalfejn li jigi mistharreg jekk kienx hemm partijiet originali, izda wkoll li r-registrazzjoni kellha tithassar peress li mhux konformi mal-ligi. Is-socjeta` konvenuta tissottometti li t-teknologija tal-*frame* ma setghetx tigi spjegata in vacuum, u bilfors kellha tigi relatata mat-tinda li ghaliha kellha sservi. Dan jista' hu minnu, pero`, xorta jibqa' l-fatt, li r-registrazzjoni ma kellhiex tintalab ghat-tinda wkoll. Altru li wiehed, fl-applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' disinn, jispjega u juri l-uzu ta' dak id-disinn, u altru li titlob registrazzjoni <u>wkoll</u> ghall-prodott marbut mad-disinn.

F’kaz ta’ disinn li jkun intenzjonat biex jintuza fi prodott, il-ligi tghid kif ghandha tintalab ir-registrazzjoni. Il-prodott, f’dan il-kaz, jitqies bhala “prodott kompless”, u hu mfisser bhala prodott maghmul minn ghadd ta’ komponenti sostituttivi, hekk li l-prodott ikun jista’ jinhatt u jerga’ jigi immuntat. Is-sistema kollha li sservi bhala *cover* fuq yachts ghandha minn din in-natura. Issa l-Artikolu 65(3) tal-ligi jikkontempla l-kaz ta’ meta parti minn prodott kompless tkun originali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:
“(3) Disinn applikat ma’ jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti bi prodott kompless ghandu biss jitqies bhala wiehed gdid u li ghandu xorta individwali:

“(a) kemm-il darba l-parti komponenti, galadarba din tkun giet inkorporata fil-prodott kompless, tibqa’ tidher matul l-uzu normali tal-prodott kompless, u

“(b) kemm-il darba dawk il-fattizzi li jidhru tal-parti komponenti jkunu fihom infushom iwettqu l-htigiet li jirrigwardaw affarijiet godda u ta’ xorta individwali.”

Dan l-artikolu jsegwi l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva numru 98/71/EC tal-Unjoni Ewropea li fuqha l-ligi taghna hi mfassla. Dan l-Artikolu tad-Direttiva, jipprovdi, fil-verzjoni Ingliza, illi:
“*3. A design applied to or incorporated in a product which constitutes a component part of a complex product shall only be considered to be new and to have individual character:*

*(a) if the component part, once it has been incorporated into the complex product, remains visible during normal use of the latter, and*
(b) *to the extent that those visible features of the component part fulfil in themselves the requirements as to novelty and individual character.*”

It-teknologija li s-socjeta` konvenuta tghid li holqot, kellha tigi registrata bhala “a component part”, u din kienet tkun registrabbli jekk tissodisfa r-rekwiziti tal-ligi. Il-*frame* li holqot is-socjeta` konvenuta kienet intiza biex tintuza fi prodott kompless, b’partijiet minnha mhux originali; isegwi

li d-disinn tal-*frame* seta' jigi registrat bhala parti komponenti, izda t-talba kellha ssir ghar-registrazzjoni tal-parti komponenti biss, bl-applikant jispjega l-uzu ta' dik il-parti komponenti u juri kif dik il-parti tibqa' tidher matul l-uzu normali tal-prodott kompless.

Il-ligi, kif inghad, taghti protezzjoni lill-parti komponenti ta' prodott kompless, bhal, per ezempju, il-*headlights* jew *fenders* ta' karozza, izda t-talba ghandha tigi ristretta ghall-parti komponenti biss, u mhux ghall-prodott kompless kollu.

Fil-ktieb "Intellectual Property" ta' <u>David Bainbridge</u> (Longman Press, 5th Edition), intqal hekk dwar parti komponenti ta' prodott (pagna 486):
"*A design can relate to part of a product only. This is important where other features of the appearance of the product are not new, do not have individual character or are excluded. <u>If part only of the overall design of the product is new, has individual character and is not otherwise excluded,</u> **<u>that part</u>** <u>of the design will be registrable</u>. In such a case, registration may be subject to a disclaimer if the representations of the design submitted with the application show aspects that are not, in themselves, registrable.*" (enfazi ta' din il-Qorti).

F'dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta ma talbitx biex tirregistra il-parti originali, u lanqas ma talbet *disclaimer* ghal dawk il-partijiet *in common use*. F'kaz ta' disinn, il-ligi ma taghtix il-fakolta` lill-Qorti tqis partijiet minnu validi u ohrajn le, kif espressament taghmel ghall-kaz ta' privattivi, u allura l-Qorti ma tistax tispezzetta d-disinn, u trid thassar ir-registrazzjoni tieghu jekk jikkontjeni elementi mhux originali.

Galadarba disinn huwa unitarju, u stabbilit bhala fatt li d-disinn mertu tal-vertenza kien jikkomprendi tinda li anke bl-ammissjoni ta' ufficjali tas-socjeta` konvenuta m'hijiex originali, allura necessarjament kwalunkwe argument ta' originalita` fuq id-disinn ta' qafas/*frame* jew ta' xi parti minnu huwa kompletament irrilevanti u ma jimmeritax li jigi konsiderat, kif sewwa ghamlet l-ewwel Qorti.

Il-pretensjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma fuq partijiet biss tal-*frame*, izda t-talba ghar-registrazzjoni kienet aktar wiesa minn hekk.  Ma hemmx argument x’jitnissel mill-fatt li dan il-*frame* jidher minn taht it-tinda u mhux minn barra, ghax jibqa’ l-fatt li fid-disinn tat-tinda u tal-*frame*, meqjusin bhala kuncett unitarju, id-disinn ma jissodisfax il-vot ta’ originalita` li tesigi l-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------